MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1235/2002/1

**Continental Cars Limited**

**Vs**

**Hayes Insurance Agency Limited**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u erbgha u disghajn centezmu (Lm184.94), prezz dovut ghal service ezegwit fuq vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ABF 504.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha ddikjara li l-hlas m'huwiex dovut stante li m'hemmx relazzjoni guridika.

Semgha lir-rapprezentat tas-socjeta attrici jixhed fis-seduta tal-lum u jikkonferma li kienet is-socjeta konvenuta li awtorizzat u nkarigat lis-socjeta attrici sabiex taghmel it-

tiswija mehtiega fuq il-vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ABF 504.

Ra d-dokumenti li gew ezebiti.

Ra li skond il-verbal ta' l-1 ta' Ottubru 2002, il-kawza giet imhollija ghas-seduta tal-lum ghall-provi kollha.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u erbgha u disghajn centezmu (Lm184.94), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------